**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002

**Numru 5**

**Avviz. numru 1218/01JR**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Peter Walton u l-istess Peter Walton**

**vs**

**Paul Muscat u Kevin Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fis-16 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm780.66), risarciment ta' danni, u dana in kwantu ghall seba' mija u hames liri maltin u sitta u sittin centezmu (Lm705.66) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) lil Peter Walton,

**minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fin-Naxxar, fl-24 ta' Jannar, 2001, meta saret hsara lill-vettura numru JBC-938, proprjeta` ta' l-attur Peter Walton u misjuqa minnu, filwaqt li l-konvenut Kevin Busuttil kien qed jiftah il-bieba ta' wara tax-xellug tal-vettura numru HAO-904 li fiha kien passiggier, liema vettura numru HAO-904 dak il-hin kienet wieqfa izda qabel waqfet kienet qed tinsaq mill-konvenut Paul Muscat, ghal liema incident il-konvenuti kienu responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, jew min minnhom;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuti ghandhom jhallsu l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Settembru, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assigurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-10 ta' Settembru, 2001 sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Paul Muscat prezentata fit-23 ta' Novembru, 2001 fejn intqal:**

**i. illi l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fl-24 ta' jannar, 2001, bejn il-vettura HAO-904 misjuqa minnu u l-vettura JBC-938, proprjeta` ta' l-attur Peter Walton u misjuqa minnu u ghaldaqstant m'ghandux jigi kkundannat ihallas danni sofferti mill-attur;**

**ii. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati huma esagerati u ma jikkonfermawx ruhhom ma' l-incident mertu tal-kawza odjerna;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra li l-konvenut Kevin Busuttil baqa' ma pprezentax risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula ghas-socjeta` attrici, Peter Walton, Paul Muscat, PS 1131 Justin Camilleri, u Kevin Busuttil. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Jannar, 2001, f'St.Paul's Street, Naxxar, bejn il-vettura JBC-938 ta' l-attur u l-vettura HAO-904 tal-konvenut. L-incident sehh waqt li l-konvenut kien qed jistenna fuq il-"give way sign", u passiggier mieghu fuq wara, Kevin Busuttil, fetah il-bieba ta' wara tax-xellug biex johrog mill-vettura, filwaqt li kien ghaddej l-attur. Il-vettura ta' l-attur intlaqtet mill-bieba tal-vettura tal-konvenut.**

2. **Jirrizulta mix-xhieda li l-konvenut kien wieqaf fil-mument ta' l-incident, u li l-attur kien ghaddej minn gewwa, cioe` max-xellug, biex jigi wkoll fuq l-istop sign. Kif xehed l-istess attur:**

   **"The door opened as I was filtering from the left."**

3. **Jirrizulta li l-konvenut Busuttil qal lill-konvenut Muscat li kien ser jinzel mill-karrozza, u l-konvenut qallu:"Inti taf. Allright." Jirrizulta li l-konvenut Muscat hares wara u ma rax vetturi gejjin. Dwar responsabbilita` fil-konfront tal-konvenut Muscat, dana ma setax izomm lill-konvenut Busuttil milli jinzel. It-Tribunal ma jirravviza ebda agir negligenti da parti tal-konvenut Muscat.**

4. **Dwar il-konvenut Busuttil, dan jghid li hares lura, fetah il-bieba u giet karrozza. It-Tribunal innota li f'dak il-hin kien hemm xi traffiku u l-attur ma giex b'velocita`. Definitivament il-konvenut Busuttil kien negligenti kemm ghax fetah il-bieba minn naha ta' fejn setghu jghaddu vetturi ohra, kif ukoll peress illi dan ma qaghadx attent qabel ma fetah il-bieba, anzi jidher li peress li kien ilu xi hames minuti jistenna fit-traffiku ha din id-decizjoni azzardata li jaqbad u jinzel b'perikolu ghalih u ghas-sewwieqa l-ohra. It-Tribunal hu soddisfatt li ghall-incident in kwistjoni ghandu jirrispondi biss il-konvenut Busuttil.**

**5. Dwar id-danni reklamati, dawn jirrizultaw mis-survey report, Dok.C, u mir-ricevuti Dok.A, D u E, oltre l-ispejjez tas-survey, li b'kollox igibu l-ammont reklamat ta' seba' mija u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm780.66), seba' mija u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm780.66).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut Kevin Busuttil, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut Paul Muscat mhux hati ghall-incident, u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lill-istess Kevin Busuttil ihallas seba' mija u hames liri maltin u sitta u sittin centezmu (Lm705.66) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u ebghin lira Maltija (Lm75.00) lil Peter Walton in linea ta' dann, bl-imghax legali dekorribbli mill-10 ta' Settembru, 2001 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, eskluzi dawk fil-konfront ta' Paul Muscat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Kevin Busuttil skond il-Ligi. L-ispejjez fil-konfront ta' Paul Muscat ghandhom jigu sopportati lis-socjeta` attrici.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**